Qorti tal-Appell

(Imhallef Anthony Ellul)

Appell numru: 17/2015

**Eleanor Galea**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Id-Direttur Generali appella minn decizjoni tal-Arbitru tas-6 ta' Marzu, 2015 li biha laqa' l-appell ta' Eleanor Galea u hassar id-decizjoni tal-appellant li biha ordna lill-appellata thallas lura s-somma ta' 3,277.54 li kienet irceviet bhala pensjoni tal-wens matul il-perjodu 26 ta' April, 2014 sal-14 ta' Novembru, 2014.

2. L-appellant appella mid-decizjoni bl-aggravju jkun dwar l-apprezzament tal-provi.

3. L-appellata wiegbet li l-appell hu dezert, u f'kull kaz ma kienx hemm bazi sabiex tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-Arbitru fl-apprezzament tal-provi u l-applikazzjoni tal-ligi.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

5. L-ewwel eccezzjoni tal-appellata hi nfondata. Hu minnu li l-appell kien prezentat fis-6 ta' April, 2015 u r-rikors tal-appell kien notifikat fit-22 ta' Settembru, 2017. Pero' mill-atti ma jirrizultax li din il-qorti tat provvediment *ai termini* tal-artikolu 963(3) tal-Kap. 12. Hu biss fejn tkun inghatat l-ordni kontemplata fl-imsemmija disposizzjoni li eventwalment jista' jwassal ghal digriet ta' dezerzjoni (ara s-subinciz 3A tal-istess disposizzjoni). Ghalhekk l-appell ma jistax jigi dikjarat dezert u l-eccezzjoni preliminari hi michuda.

6. L-appell hu bazikament kritika ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Skont l-artikolu 68(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) applikabbli fiz-zmien in kwistjoni, wahda mill-kundizzjonijiet biex persuna tircievi l-pensjoni tal-wens, trid tkun qeghda **tghix** *"... fl-istess dar ta' abitazzjoni ta' dik il-persuna"*.

7. L-appellant jsostni li:

*"9. Illi fl-ebda punt ma hu qed jintqal li l-appellata qatt ma hadet hsieb in-nanniet taghha. Li qed jintqal huwa li f'dan iz-zmien li qed nitkellmu dwaru,*

***hemm dubju kogenti dwar kemm fil-fatt l-appellata kienet verament qed tiehu hsieb in-nanniet taghha***".

8. Il-qorti hi tal-fehma li jekk l-appellant ghandu dubju dwar jekk l-appellata kinitx qeghda tghix man-nanniet, id-dubju ghandu jimmilita favuriha u mhux kontriha. Hemm tlett rapporti li saru minn *social workers* datati 27 ta' April, 2011, 4 ta' Lulju, 2012, u 17 ta' Lulju, 2012. Id-dubju jista' jitnissel biss minn dak datat 4 ta' Lulju, 2012, fir-rigward ta' liema sar *follow up* bir-rapport tas-17 ta' Lulju, 2012. Minn dak l-ahhar rapport jidher li s-*social worker* kienet sodisfatta li l-appellata kienet qeghda tiehu hsieb in-nanna taghha. Meta tqies it-tlett rapporti flimkien, il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-Arbitru kellu jikkonkludi li f'dak iz-zmien l-appellata ma kinitx qeghda tghix man-nanniet taghha.

9. Is-sitwazzjoni tinbidel fir-rigward taz-zjara li saret fit-23 ta' April, 2014 mill-ispetturi tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji. Mir-rapport tat-23 ta' April, 2014 jirrizulta li fil-fond fejn ighixu n-nanniet tal-appellata, Pinto Building, Blokk A, Flat 6, Triq San Albert, Gzira, ma nstabu l-ebda hwejjeg taghha. Fil-fehma tal-qorti dan hu ndizju qawwi, li l-Arbitru naqas milli jaghtih il-piz li jixraq, li l-appellata ma kinitx qeghda tirrisjedi man-nanniet taghha. Fuq bażi ta' probabbilta', persuna li tkun qeghda tghix ma' haddiehor ikollha hwejjigha fid-dar fejn tkun qeghda tghix. F'dan il-kaz l-ispetturi ma sabu xejn. Anzi jirrizulta li Carmel Galea, in-nannu tal-appellata, iddikjara li fil-fond ma kienx hemm hwejjeg tan-neputija. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

*"F'dan il-kaz partikolari, l-Arbitru kellu cans li jisma specjalment lil wahda mill-partijiet interessati u cioe' lil Carmelo Galea li dejjem sostna, anke mal-ispetturi a tempor vergine, li l-appellanta kienet dejjem dahret u ghadha ddur bihom. Il-fatt wahdu li l-ispetturi ma sabux hwejjeg tal-appellanta mhux bizzejjed biex johloq tezi li l-appellanta ma kinitx tghix man-nanniet taghha meta zewg rapport tad-Dipartiment (kontra rapport iehor) juru li l-appellanta kienet il-persuna li ddur bin-nanniet taghha. Ghalhekk fil-fehma tal-Arbitru hemm aktar evidenza li turi li l-appellanta kienet verament iddur bin-nanniet milli bil-kontra"*.

Il-qorti tosserva li:

- In-nuqqas ta' hwejjeg fir-residenza tan-nanniet hi fiha nnifisha ndikazzjoni b'sahhitha li l-appellata ma kinitx tghix man-nanniet fiz-zmien li l-ispetturi ghamlu zjara fir-residenza tan-nanniet.
- Ir-rapport li jista' jkun prova kontra l-appellata hu *email* datata 4 ta' Lulju, 2012. Pero' z-zjara mill-ispetturi saret fit-23 ta' April, 2014. Ghalhekk dak li

rrizulta fit-23 ta' April, 2014 ma jistax iservi bhala prova li f'Lulju, 2012 l-appellata ma kinitx qeghda tghix man-nanniet.

10. L-ispjegazzjonijiet li nghataw mix-xhieda tal-appellata ghalfejn l-ispetturi ma sabux hwejjeg taghha fil-fond fejn suppost kienet qeghda tghix, huma *far fetched* u ma jitwemmnux. Hu veru li l-appellata xehedet li meta saret l-ispezzjoni ma kinitx hemm minhabba li kienet marida u bhala prekawzjoni biex nannitha ma timradx. Pero' anke jekk dan kien il-kaz, mhux verosimili li kienet ser tiehu hwejjigha kollha mid-dar tan-nanniet ghal ftit jiem, cjoe mill-21 sat-28 ta' April, 2014 (ara certifikat mediku).

11. Il-qorti tikkonkludi li l-appellant kien gustifikat iwaqqaf il-hlas tal-pensjoni tal-wens lill-appellata pero' **b'sehh mit-23 ta' April, 2014**. Il-qorti m'hijiex ser toqghod tispekula kemm qabel l-appellata ma baqghetx tghix man-nanniet taghha. Hemm bzonn li d-Dipartiment jaghmel *follow-ups* ta' sikwit u serji u mhux jiddependi fuq rapporti anonimi sabiex jinvestiga.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell parzjalment fis-sens li tvarja d-decizjoni tal-Arbitru tas-6 ta' Marzu, 2015 u minflok tichad l-appell li l-appellata ghamlet mid-decizjoni tal-appellant ghal dak li jirrigwarda l-benficcju mit-23 ta' April, 2014. Minn dakinhar l-appellata ma kinitx iktar intitolata tircievi l-pensjoni tal-wens. Ghall-perjodu ta' qabel id-decizjoni tal-Arbitru tibqa' fis-sehh. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-appellant u 40% a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.